MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 248/2004

**Raymond Auto Dealer Limited**

**vs**

**Carmel Bugeja**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u erba' liri Maltin (Lm2,204) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' karozza bin-numru ta' registrazzjoni BAV 579 mibjugha u konsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici u ghal liema bejgh inhargu wkoll tlieta u ghoxrin (23) kambjala skaduti u mhux imhallsa (kopji Dok. RA1 sa' RA24).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 869/04FF, u bl-interessi mid-data ta' l-iskadenza ta'

kull kambjala, kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut fejn ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------